MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 812/2014

**Lucienne Carabott**
**ID. 482079M**

**Vs**

**Simon Bartolo**
**ID. 298970M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Dicembru, 2014 fejn l-attrici talbet is-somma ta' elf erba' mija tlieta u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,463.59) rapprezentanti in kwantu ghal elf u sebgha u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,047.9) rapprezentantu sehen il-konvenuta mill-ispejjez medici u educattivi tal-minuri ulied il-partijiet, inkorsi sat-18 ta' Novembru, 2014, dovuti skond l-Artikolu 8 tal-ftehim li jifforma parti integrali mid-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghti fl-24 ta' Novembru, 2010 u in kwantu ghas-

somma ta' erba' mija u hmistax-il Ewro u tmenin centezmu rapprezentanti zieda fil-manteniment pagabbli skond l-gholi tal-hajja, dovuta skond il-ftehim imsemmi li baqghet ma inghatatx sa Novembru 2014.

Bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fit-28 ta' Jannar, 2015 fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-ebda ammont kif mitlub m'hu dovut mill-eccipjenti stante li t-talba attrici fil-konfron tal-esponenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attrici huwa eccessiv stante illi certu decizzjonijiet rigward spejjez relatati mal-edukazzjoni tat-tfal minuri ittiehdu minghajr il-konsultazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-eccipjenti;
3. Illi inoltre kif ser jirrizulta ampjament car waqt il-proceduri odjerni, l-ammont reklamat mill-attric ma ntefaqx fl-intier tieghu versu l-htigijiet tal-minuri;
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut huwa lest li jhallas nofs l-ammont illi huwa verament dovut versu l-htigijiet medici u edukattivi tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici, bl-ingunzjoni tal- attrici in subizzjoni.

Xehdu l-partijiet. Il-konvenut, skond skrittura iffirmata bejn il-partijiet huwa obbligat li jhallas manteniment lil omm ghal ulied kif ukoll ihallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u tas-sahha. L-attrici pprezentat ricevuti ta' spejjez li harget ukoll u qed titlob nofs l-ammont kif ukoll qed titlob l-gholi tal-hajja skond l-undici ufficjali.

Illi l-konvenut qed jecepixxi l-ewwelnet illi s-somma hi infondata. Fuq din l-eccezzjoni t-Tribunal wara li ra l-iskrittura ipprezentata mill-attrici u bl-ebda mod ma hi kkontestata mill-konvenut jichad l-eccezzjoni.

Fit-tieni lok il-konvenut ecepixxa illi l-ammont hu eccessiv u tkellmu annoli minghajr il-kunsens tieghu. It-Tribunal ea d-dokumenti pprezentati mill-attrici u dawn huma spejjez li huma bzonijiet kemm ghall-edukazzjoni kif ukoll ghas-sahha. Ma kien hemm ebda infieq esagerat jew zejjed. L-attrici bl-edba mod ma kienet obbligata tikkonsulta jew titlob l-awtorizzazjoni tal-konvenut biex tixtri bzonijiet bazici ta’ sahha u edukazzjoni. Ghalhekk it-Tribunal jichad din l-eccezzjoni. Rigward it-tielet eccezzjoni din ma gietx ippruvata u ghalhekk michuda.

It-Tribunal huwa konvint ill l-ammont mitlub mill-attrici huwa veritier u gie pjanament pruvat, ghalhekk jaqta’ u jiddecidi billi jilqa’ it-talba attrici pero limitatament ghall-ammont ta’ elf, erba’ mija tmienja u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,458.59) u dan wara li naqqas sehem ir-ragel ta’ hames ewro (€5) li kellha ghad duttrina. It-Tribunal ghalhekk jikkundana lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ elf, erba’ mija tmienja u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,458.59) li attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagement effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkun a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------